Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,475, 25 ta' Lulju, 2025
Taqsima B

A.L. 148 tal-2025

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru responsabbli għat-trasport, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali".

L.S. 65.33.
L.S. 499.68.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jipprovdi li kwalunkwe persuna li tapplika għal permess ta' xufier ġdid, jew għat-tiġdid ta' permess ta' xufier sabiex isuq *motorcyle* jew triċikletta bil-mutur, għandu jkun liċenzjat skont ir-Regolamenti dwar Liċenzi għas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur.

L.S. 65.18.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali minnufih wara t-tifsira "Tribunal" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

""triċikletta bil-mutur" tfisser vettura bi tlett roti rranġata b'mod simmetriku (kategorija L5e) armata b'magna ta' kapaċità ċilindrika ta' iktar minn 50 cm^3 jekk tat-tip ta' kombustjoni interna u, jew b'veloċità massima ddisinjata ta' iktar minn 45 km fis-siegħa;".

Jissostitwixxi r-regolament 39 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 39 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"Kondizzjonijiet biex jinkiseb permess ta' xufier.

39. (1) Applikant għal permess ta' xufier għandu, qabel ma jingħata l-awtorizzazzjoni, jissodisfa lill-Awtorità li hu:

(a) iċċertifikat li jinsab fi stat tajjeb ta' saħħa biex isuq;

(b) fil-pussess tal-ħiliet meħtieġa sabiex jaġixxi bħala xufier skont ir-regolament 40; u

(ċ) għandu kondotta u reputazzjoni tajba.

(2) Sabiex xufier jista' jsuq vetturi M1 għandu jkollu liċenzja tas-sewqan valida maħruġa mill-Awtorità jew mill-awtorità kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea.

(3) Sabiex xufier jista' jsuq *motorcycle* jew triċikletta bil-mutur għandu jkun debitament liċenzjat skont ir-Regolamenti dwar Liċenzi għas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur.

L.S. 65.18.

(4) Xufier għandu jissodisfa l-kondizzjonijiet ta' dan ir-regolament f'kull ħin matul il-validità tal-permess ta' xufier.

(5) Kwalunkwe xufier ta' permess ta' xufier maħruġ mill-Awtorità għandu jkun obbligat jinforma lill-Awtorità bil-miktub dwar kwalunkwe sejbien ta' tali ħtija ta' xi reat kontrih imsemmi fir-regolament 9(1)(a) fi żmien wieħed u għoxrin (21) ġurnata mis-sejbien ta' ħtija jew, jekk isir appell, fi żmien għoxrin (20) ġurnata minn meta tali appell jiġi deċiż.

(6) Kwalunkwe xufier li jikser is-subregolament (3) għandu jkun ħati ta' reat.".